**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 529/97

Ernest Muscat

vs

Bank of Valletta

Illum 20 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-sena 1987 ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li gie maghdud bhala haddiem irregolari u ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi fl-1 ta' Jannar 1987 ir-rikorrent gie mpjegat bhala Messenger I mal-BOV (Dok A).

2. Illi fis-sena 1988 ir-rikorrent gie meqjus bhala haddiem irregolari u gie maghdud bhala casual worker mal-Bank of Valletta (DOK B).

3. Illi kien biss fis-sena 1991 li ir-rikorrent dahal mal-Bank of Valletta bhala impjegat regolari (Dok C).

4. Illi konsegwentement ir-rikorrent tilef erba' snin seniority u increments.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness u jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi

(i) maghruf bhala impjegat mal-Bank sa mis-sena 1987

(ii) jinghata s-seniority li tilef u

(iii) jinghata l-increments li tilef

u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinaghta, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm 5,000.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fis-26 ta' Settembru 1997, ir-rikorrent Ernest Muscat ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, billi ssottometta li hu kien gie impjegat mal-Bank of Valletta fl-1 ta' Ottubru 1986 bhala Messenger I fiz-zmien li ghamel jahdem il-Bank of Valletta hu dejjem ghamel xoghlu kif suppost u bl-akbar lejalta' lejn il-Bank, pero' mal-bidla fil-gvern, ezatt ftit xhur wara, fl-1988, hu kien gie meqjus bhala haddiem irregolari. Fl-1992, hu gie mgharraf li l-impieg tieghu ta' 'casual' mal-Bank of Valletta kien spicca u gie offrut impieg gdid mall-Bank li beda jghodd minn Lulju, 1991.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talab illi dan it-Tribunal joghgbu jordna li jiehu is-seniority kollha li kien tilef u li jiehu l-

increments li tilef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jista'x jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont tal-flus li tilef meta ma nghatax il-beneficcji bhal shabu li kienu jahdmu fil-Bank of Valletta.

Illi fl-ewwel lok, ghandu jinghad li r-rikorrent Ernest Muscat kien gie mpjegat fl-1 ta' Mejju 1987 mal-Bank of Valletta Limited bi ksur manifest tal-Artiklu 12 ta' l-att dwar is-Servizz ta' l-Impjiegi 1955 u l-Artiklu 113 subartiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li fihom kien stipulat li impjieg ta' nies ma' kwalunkwe kumpanija li fiha l-Gvern ta' Malta ghandu qasam ta' kontroll ghandu, sakemm l-impieg ma jinghatax wara ezami pubbliku li kien b'avviz, jinghata mill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig.

Illi kien gie stabbilit li minhabba li dak iz-zmien il-Bank kien jaqa' taht ir-responsabbilita tal-Ministeru tal-Finanzi, impiegi godda ghandhom jigu mmexxija mill-Bank Centrali ta' Malta. Il-procedura adottata matul dak iz-zmien kienet li l-Bank jinfurmaw lill-Bank Centrali ta' Malta bil-htiega ta' impjegati godda u, jiddependi mill-kategorija, jew kienu jigu intervistati l-applikanti mibghuta mill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig jew jigu organizzati ezamijiet pubblici; illi ghalhekk l-istess rikorrent Ernest Muscat flimkien ma 167 persuna ohra kienu iddahhlu l-Bank b'mod totalment illegali u irregolari ftit qabel l-elezzjonijiet ta' 1987.

Illi f'Ottubru 1987 il-Gvern u t-Trade Unions, inkluza l-General Workers Union, li taghha kien membru l-istess rikorrent, ghamlu diversi laqghat li minnhom ntlahaq ftehim fid-9 ta' Ottubru 1987 liema ftehim huwa hawn anness u markat bhala Dokument A.

Illi skond dan il-ftehim il-Unions intalbu biex jaghmlu lista ta' dawk l-impjegati mal-Gvern u l-Parastatali (inkluz il-Bank of Valletta) li kienu nstabu li gew impjegati irregolarment. Dawn l-impjegati irregolari gew meqjusa bhala kazwali li kellhom jibqghu hemm sakemm jinghataw impieg permanenti u skond dan il-ftehim dawn l-impjegati kazwali kellhom izommu is-salarju li kellhom dak iz-zmien li l-kundizzjonijiet ohrajn li kellhom bhala garantit.

Illi b'rizultat ta' dan il-ftehim bejn il-Gvern u l-Unions, gie mwaqqaf kumitat ta' Verifika li kien jinkludi bhala membri, id-Direttur tax-Xoghol u ufficjali tal-Unions. Lejn nofs April ta' l-1988, il-Bank ircieva ittra mis-Sur E.Cilia Debono, Direttur tax-Xoghol, precizament fil-11 ta' April 1988, liema ittra hija hawn annessa u mmarkata bhal Dokument B, fejn hu ghamel lista ta' nimru sostanzjali ta' persuni li kienu dak iz-zmien fuq kotba tal-Bank, inkluz l-istanti rikorrent, li kienu meqjusin bhala kazwali fit-termini tal-ftehim datat 9 ta' Ottubru 1987. Peress li dawk kollha impjegati irregolarment fil-gradi non-klerikali kienu ferm

aktar milli kienu mehtiega, tenut kont partikolarment illi l-bank huwa intrinsikament a white collar institution, il-Bank iddiskuta diversi drabi mal-Gvern sabiex inaqqaslu l-piz ta' l-impjegati non-klerikali li kienu dak iz-zmien globalment 390 impjegati, li kienu qed jiswew lill-bank xejn anqas minn Lm 18,000 fix-xahar f'salarji.

Illi wara diskussjonijiet bejn il-Ministeru tal-Politika Socjali u l-General Workers' Union hafna impjegati kazwali fuq il-kotba tal-bank fil-kategoriji ta' tradesmen, skilled labourers, u labourers, li kienu identifikati mill-Kumitat tal-Verifika kien trasferiti ghax-xoghol mal-AWTS b'effett mix-xahar ta' Gunju 1988 u bi ftehim mal-Ministru tal-Politika Socjali, il-hlas tas-salarju kellu jsir mill-Bank u jigi mhallas lura mill-Gvern, kif jirrizulta mill-Korrispondenza annessa u mmarkata Dokumenti C u D. Ta' min jinnota li dawn l-impjegati kazwali, filwaqt li ma kienux jigu moghtija zidiet fis-salarji, kienu jithallsu bl-istess mod li kien jithallas kull impjegat iehor kazwali li kienu parti ta' l-AWTS, xejn aktar u xejn anqas.

Illi jirrizulta illi l-istess Ernest Muscat inzamm jahdem gol-Bank of Valletta Limited pero' in-natura tax-xoghol tieghu fl-ebda mument ma tbiddel u cioe' casual kien u casual baqa'. Illi meta f'Dicembru 1992, permezz ta' zewg ittri mid-Direttur, Management and Personnel Office, fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru, datati 15 ta' Dicembru 1992, hawn annessi u mmarkati

E u F, ic-Chairman tal-Bank gie nfurmat li, mal-policy tal-Gvern, li jinghata mpieg permanenti lin-nies impjegati irregolari kollha u 91 persuna originarjament impjegati fuq bazi kazwali mal-Bank, kienu ser jigu mpjegati b'mod permanent mas-Servizzi tal-gvern b'ittra ta' impieg b'effett mill-1 ta' Jannar 1992. Fil-fatt l-impjegati koncernati gew infurmati b'din id-decizjoni u gew maqtugha minn fuq il-kotba tal-bank fil-15 ta' Dicembru 1991, jirrizulta illi l-impieg ta' Ernest Muscat bhala casual gie terminat u inghatalu xoghol gdid u permanenti mal-Bank of Valletta Limited fejn l-istess Bank kellhu jiehu il-permess mehtieg mill-ETC sabiex jaccettah fl-impieg.

Illi ghandu jinghad illi l-istess rikorrent kien membru effettiv tal-General Workers' Union, liema Union tul id-diskussjonijiet kollha fuq imsemmija, kif ukoll f'kull ftehim li dahhlet fih, l-istess Union kienet qedgha tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza, tal-membri taghha, li naturalment kien jinkludi l-istess rikorrent li kien membru taghha, sahansitra minn gurnata qabel li nghata l-impieg mal-Bank of Valletta Limited.

Illi ghalhekk il-GWU kienet qedgha tiftiehem ghall-istess rikorrent li tul dan iz-zmien kollu qatt ma kien ha ebda pass miftuh lilu mill-ligi sabiex jikkontesta sija ebda azzjoni mehuda mill-istess Bank of Valletta, u sija mill-Union li kienet qedgha irrapprezenta ma ohrajn l-interessi ta' l-istess rikorrent.

Illi ghalhekk jidher gust u ekwu f'dan l-istadju li l-istess General Workers' Union ghandha tigi kjamata in kawza.

Illi filwaqt li huwa veru li l-istess rikorrent ma kienx qieghed jircievi l-istess struttura ta' salarji bhal dik ta' impjegati permanent, huwa veru ukoll li r-rikorrent kien qieghed jircievi salarju u beneficcji identici ghal dak li kienu qed jircievu shabu l-impjegati irregolari u hawn ma kienitx qedgha ssir ebda forma ta' distinzjoni fil-konfront tar-rikorrent.

Illi fl-Artiklu 6 (1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn l-1987 u l-1995, jirrizulta dan li gej.

*It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi......*

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrent la saritlu ingustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritlu xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita, tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Ltd.

Illi ghaldaqstant l-intimat Bank of Valletta Limited talab li dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala

manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem mal-Bank on "secondment" b'effett mill-1 ta' Ottubru 1986 bhala messaggier I. Kien gie impjegat minn Tagliaferro Centre Limited u l-paga tieghu kienet ta' Lm1834 kull sena. L-impieg tieghu kien full-time u dejjem kien taht l-impressjoni li l-impjieg tieghu kien wiehed regolari u infatti l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu kienu l-istess bhal dawk ta' kull haddiem iehor mal-Bank, jiehu z-zieda allowances bonuses etc.

Fl-1987 wara li kienu saru l-elezzjonijiet generali, precisament f'Ottubru, ta' dik l-istess sena, kien sar ftehim bejn il-Gvern u l-GWU fejn gie approvat li n-nies li kienu gew impjegati

irregolarment mal-gvern, jitnehhew u jintbaghtu fid-dipartimenti l-ohra tal-Gvern jew ma xi korpi parastatali ohra jew mal-AWTS b'impjieg permanenti.

Fil-15 ta' Jannar 1987 ircieva ittra mibghuta minn Dennis Sammut ghall-Bank intimat fejn gie infurmat li kien nghata impjieg permanenti bhala messenger I mal-Bank of Valletta Ltd. Izda fit-22 ta' Ottubru 1988 ircieva ittra mill-Bank li biha infurmawh li l-impjieg tieghu maghhom kien wiehed "casual" lura sa mill-1 ta' Jannar 1987. Dan irrizulta in forza tal-ftehim kollettiv li kien sar. Hu kien gie indikat bhala impjegat irregolari u ghalhekk identifikat bhala impjegat "casual" mal-Bank. Kien biss fil-5 ta' Lulju 1991 li gie impjegat permanenti mal-Bank of Valletta b'ittra mibghuta mis-Sur Joe Tabone li dak iz-zmien kien ic-Chairman tal-Bank. Fl-istess ittra kien gie infurmat li l-paga tieghu kienet ser tibqa' ta' Lm2570 u ma setax jiehu l-ebda zieda fil-paga. Din il-paga ma kienitx tekwivali ghal dak t'impjegati permanenti tal-Bank. Sostna li "l-akbar ingustizzja kienet li minhabba dan kollu jiena tlift kull opportunita' li ninghata promozzjoni ghall-messaggier II u kieku kont nircievi aktar zidiet fil-paga u nikkalkola li bejn 1987 u 1995 kont nircievi paga ta' cirka Lm3668.

Xehed li dahal mal-bank mhux b'applikazzjoni izda wara li mar il-Head office jkellem lis-Sur Mallia. Gie impjegat wara dakinhar. Kien kellem qabel dan lil certu Godwin Mamo li kien

baghtu l-Head office ghand is-Sur Mallia. Kien ltaqa ma' Godwin Mamo f'party ta' Denis Sammut.

Fil-15 ta' Jannar 1987 gie nfurmat li sar messenger 1, tal-post, u dan kien probationary period ta' sitt xhur li kien zmien bi prova ta' sitt xhur. F'Ottubru 1988 wara l-elezzjoni kienu ghamluh bhala casual. Kien membru tal-GWU liema Union kienet qed tiddiskuti il-kwistjoni tal-casuals. Spicca bil-pensjoni f'Jannar 1998.

Alfred Pace rapprezentant tal-Bank of Valletta xehed li ghalkemm kienu hekk meqjusa irregolari li l-impjegati li kienu fil-grad ta' messagiera baqghu mal-Bank peress li l-Bank kien jaf li ser jigi bzonn dan il-grad ta' messagiera u ghalhekk dawn l-impjegati mal-Bank li mbaghad aktar tard fl-1992 inqalbu mal-Bank bhala haddiema regolari u ma baqghux meqjusin bhala casuals. Ikkonferma li r-rikorrent kien wiehed minn dawn li baqa' bhala impjegat regolari mal-Bank sakemm rtira bil-pensjoni. Fl-1992 il-Bank iddecieda jirregoralizza l-impjieg ta' dawn il-haddiema li kienu hekk meqjusin irregolari, peress li huwa kellu bzonn certa gradi fosthom messagiera u cleaners.

Ikkunsidra

Illi kien ftehim milhuq bejn il-Gvern u l-General Workers Union fid-9 ta' Ottubru, 1987. Dan il-ftehim jitkellem dwar haddiema

regolari u irregolari. Ghar-rigward ta’ dawk il-haddiema li gew impjegati irregolarment dawn kellhom jigu stabbiliti kaz kaz min huma mal-Unions. Dawn il-haddiema kellhom:

- jitqiesu bhala "casuals" u jibqghu hekk kunsidrati sakemm jinghataw xoghol permanenti;
- sakemm jinghatw dan ix-xoghol ikunu flessibli…
- ix-xoghol permanenti jinghata jew fis-settur li jaqa’ taht il-kontroll tal-Gvern jew fis-settur privat, skond kif jaghzel l-individwu;
- il-haddiema jikkonkorru ma’ min qieghed jirregistra.

Irrizulta li l-Kumitat ta’ Verifika sab li r-rikorrent kien impjegat irregolarment. Fil-Kumitat ta’ Verifika kien hemm ir-rapprezentanti tal General Workers’ Union. Intlahaq ftehim li ma kienx gie attakkat b’ebda mod mir-rikorrent. Skond dan il-ftehim l-impieg tar-rikorrent kellu jitqies bhala irregolari u casual. Id-drittijiet ta’ haddiema casual huma differenti minn dawk ta’ impieg regolari. Ghalhekk ir-rikorrent ma pprova ebda distinzjoni indebita. Infatti skond l-artikolu 6 (1) ta’ l-Att VIII tal-1997 "It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin…" Minn dan

jirrizulta li distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza trid tkun indebita u mhux xi wahda gustifikata bhal ma hu l-kaz in ezami.

Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta’ Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll “Law of the European Convention on Human Rights” - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u “Law and Practice of the European Convention on Human Rights” - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Hu veru li l-kaz tar-rikorrent jista’ jitqies wiehed sfortunat izda dan mhux sufficjenti biex l-ilment tieghu jigi milqugh. Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.